

Brussell, 9 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

12901/18

CLIMA 176
ENV 647
ONU 85
DEVGEN 161
ECOFIN 887
ENER 321
FORETS 42
MAR 140
AVIATION 125

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	9 ta' Ottubru 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	12631/18
Suġġett:	Tħejjijiet għal-laqqgħat tal-UNFCCC f'Katowice (2 - 14 ta' Diċembru 2018) – Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tħejjijiet għal-laqqgħat tal-UNFCCC f'Katowice (2 - 14 ta' Diċembru 2018), kif adottati mill-Kunsill fit-3640 laqgħa tiegħu li saret fid-9 ta' Ottubru 2018.

Tħejijiet għal-laqgħat tal-UNFCCC f'Katowice

(2 - 14 ta' Diċembru 2018)

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

URĠENZA TAL-AZZJONI KLIMATIKA

1. JENFASIZZA l-urġenza mingħajr preċedent biex jiġu intensifikati l-isforzi globali ħalli jiġu evitati l-effetti perikolużi tat-tibdil fil-klima u JENFASIZZA l-opportunitajiet u l-vantaġġi tat-transizzjoni globali għal emissjoni baxxa ta' gassijiet serra (GHG), ekonomiji u soċjetajiet reżiljenti għall-klima u sostenibbli;
2. JINSAB IMĦASSEB ĦAFNA minħabba l-evidenza l-ġdida dwar l-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima kkonfermati mingħajr dubju bl-aktar sejbiet xjentifiċi reċenti mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) fir-Rapport Speċjali tiegħu dwar l-impatti tat-tiżhin globali ta' 1.5 °C ogħla mil-livelli preindustrijali u l-perkorsi relatati mal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra. F'dan il-kuntest hija kwistjoni ta' urġenza kbira li jissaħħaħ ir-rispons globali għat-theddida tat-tibdil fil-klima, l-iżvilupp sostenibbli, u l-isforzi biex jinqered il-faqar;

3. JENFASIZZA li r-Rapport Speċjali juri b'mod ċar il-vulnerabbiltajiet, l-impatti u r-riskji ta' aktar tisħin globali għas-soċjetajiet umani u għas-sistemi naturali, inkluż il-kisba ta' żvilupp sostenibbli u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), biex b'hekk jissaħħa l-appoġġ xjentifiku tal-oġettivi u tal-għanijiet fuq terminu twil tal-Ftehim ta' Pariġi; JENFASIZZA li l-intensifikar ta' azzjoni globali ser tnaqqas ir-riskji u l-konsegwenzi negattivi tat-tibdil fil-klima u t-tisħin globali; u JIRRIKONOXXI l-konklużjonijiet tal-IPCC li t-tnaqqis tal-emissjonijiet fis-setturi kollha, it-transizzjoni fl-enerġija, fis-sistemi urbani, tal-art u industrijali u tibdil fl-imgħiba tal-bnedmin huma kruċjali biex jiġi limitat it-tisħin globali u li tenħtieġ aktar azzjoni fil-mitigazzjoni u l-adattament biex jinkisbu l-perkorsi relatati mal-iżvilupp reżiljenti għall-klima li jistgħu jillimitaw it-tibdil fil-klima, filwaqt li jadattaw għall-konsegwenzi tagħha, titnaqqas il-vulnerabbiltà u jinkiseb l-iżvilupp sostenibbli; f'dan ir-rigward, JINNOTA BI TĦASSIB li l-Artiku qed jisħon b'rata ta' aktar mid-doppju tal-medja globali li qed jirriżulta f'konsegwenzi globali serji;
4. IFAKKAR li rapporti reċenti tan-NU juru li, b'mod kollettiv, il-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali ppreżentati mill-Partijiet u t-trajettorji tal-emissjonijiet attwali għadhom 'il bogħod minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet fuq terminu twil tal-Ftehim ta' Pariġi; JISSOTTOLINJA li l-pajjiżi kollha iridu jsaħħu l-azzjoni ta' mitigazzjoni f'koerenza, fost l-oħrajn, ma': żvilupp sostenibbli u l-qerda tal-faqar, iż-żieda fis-sigurtà tal-ikel, il-kisba tal-ugwaljanza bejn is-sessi, il-protezzjoni tal-bijodiversità, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għad-dritt għas-saħħa, u għad-drittijiet ta' popli indiġeni u komunitajiet lokali, għall-benefiċċju ta' ġenerazzjonijiet preżenti u futuri; f'dan il-kuntest JIRRIKONOXXI l-importanza tat-tisħin tal-enfasi fuq ix-xjenza, l-edukazzjoni, it-taħriġ, is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni sabiex tissaħħa l-azzjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi;
5. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin tas-26 ta' Frar 2018 dwar id-Diplomazija Ewropea dwar il-Klima u JIKKONFERMA MILL-ĠDID li l-UE ser tkompli tmexxi t-triq fl-eżerċizzju globali tal-azzjoni klimatika kif ukoll ir-rikonoxximent tal-implikazzjonijiet severi li għandu t-tibdil fil-klima għas-sigurtà u l-istabbiltà internazzjonali;

6. JILQA' l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ambjent tal-25 ta' Ġunju 2018 dwar it-twassil tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari u JIRRIKONOXXI l-kontribut tal-ekonomija ċirkolari biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima;
7. IĦEĠĠEĠ lill-Partijiet kollha li għadhom ma rratifikawx il-Ftehim ta' Pariġi biex jirratifikawh malajr kemm jista' jkun; IKOMPLI jappoġġa approċċ inklużiv biex jiġi żgurat li l-Partijiet kollha jkunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod sħiħ għall-operazzjonalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi;

AVVANZ TAL-AZZJONI

8. IĦEĠĠEĠ lill-Partijiet kollha biex iħaffu bl-implimentazzjoni tal-isforzi ta' mitigazzjoni tagħhom ta' qabel l-2020 u t-tnejniet għall-implimentazzjoni tal-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs);
9. JILQA' r-ratifika tal-emenda ta' Doha mill-UE u l-Istati Membri tagħha u JĦEĠĠEĠ lill-Partijiet kollha li għadhom ma rratifikawhiex biex jagħmlu dan malajr kemm jista' jkun sabiex tkun tista' tiddaħħal fis-seħħ b'mod urġenti; JISSOTTOLINJA li l-impenji tal-2020 tal-UE u tal-Istati Membri tagħha taħt it-tieni perijodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kyoto ilhom jiġu implimentati mill-1 ta' Jannar 2013; JENFASIZZA li l-UE tkompli tifred b'suċċess it-tkabbir ekonomiku tagħha mill-emissjonijiet tagħha - mill-1990 sal-2016 l-ekonomija tal-UE kibret bi 53 %, filwaqt li t-total ta' emissjonijiet ta' GHG naqas bi 23%; JENFASIZZA wkoll li l-UE u l-Istati Membri tagħha għalhekk jinsabu fit-triq biex saħansitra jaqbżu l-għan ta' tnaqqis ta' 20% ta' GHG sal-2020 fuq it-territorju tagħhom skont il-politiki eżistenti taħt il-pakkett tal-UE tal-klima u l-enerġija tal-2020;

10. JENFASIZZA li l-UE qed timplimenta politiki dwar il-klima li huma ambizzjużi, f'konformità mal-qafas ta' politika dwar il-klima u l-enerġija tal-2030 għall-Unjoni Ewropea li ġie maqbul mill-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014 sabiex tinkiseb il-mira ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mit-territorju tagħha b'mill-inqas 40% sal-2030 meta mqabbel mal-livelli tal-1990; IFAKKAR fil-leġislazzjoni tal-UE adottata reċentement dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, inkluż dwar ir-riforma tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) tal-UE, il-miri ta' tnaqqis ta' emissjonijiet fis-setturi li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-ETS u dwar l-integrazzjoni tal-użu tal-art, il-bidla fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas tal-UE tal-klima u l-enerġija, f'konformità mal-NDCs tal-UE u tal-Istati Membri; JISSOTTOLINJA wkoll li l-mira tal-enerġija rinnovabbli tal-UE tal-2030 ser tiżdied għal 32% u li l-mira tal-effiċjenza enerġetika ser tiżdied għal 32.5%, u ser ikunu implimentati minn sistema ta' governanza affidabbli; JENFASIZZA li dawn il-miri ser ikollhom impatt fuq il-livell tal-kisbiet tagħna; l-UE u l-Istati Membri tagħha SER JEVALWAW dawk l-isforzi addizzjonali u politiki oħra speċifiċi għal setturi;
11. JISTENNA B'INTERESS il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea għal Strateġija tal-UE fuq terminu twil għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass b'effett serra, bi tweġiba għat-talba mill-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Marzu 2018, f'konformità mal-oġġettivi u l-għanijiet fuq terminu twil tal-Ftehim ta' Pariġi, b'kont meħud tal-pjanijiet nazzjonali u l-aktar xjenza reċenti disponibbli, speċjalment ir-Rapport Speċjali dwar l-impatti tat-tiżhin globali ta' 1.5 °C oġhla mil-livelli preindustrijali; sabiex id-diskussjoni titnebbja, JISSOTTOLINJA li l-proposta għandha tikkunsidra diversi modi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-GHG biex jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi minn sorsi u l-assorbimenti minn bjar f'konformità mal-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż ix-xenarju ta' 1.5 °C u tal-inqas direzzjoni waħda favur emissjonijiet zero netti tal-GHG fl-UE sal-2050 segwit b'emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem, kif isemmi r-Regolament tal-UE dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika; JISTENNA B'INTERESS ukoll li jiddiskuti dan ulterjorment, inkluż fl-oġhla livell politiku, b'kont meħud tal-eżitu tal-fażi politika tad-Djalogu ta' Talanoa;

12. JENFASIZZA il-ħtieġa li jinvolvi s-setturi rilevanti kollha, bħat-trasport, il-bini, l-enerġija, l-industrija, l-agrikoltura u l-forestrija u użu ieħor tal-art, f'azzjonijiet meħtieġa biex jinkiseb it-tnaqqis ta' GHG, it-tisħiħ tal-assorbiment, il-bini tar-reżiljenza għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima, u t-transizzjoni lejn futur Ewropew sostenibbli; JIRRIKONOXXI ulterjorment l-importanza ta' transizzjoni ġusta tal-forza tax-xogħol u l-ħolqien ta' xogħol deċenti u impjiegi ta' kwalità bħala komponent importanti ta' politika dwar il-klima effettiva;
13. IFAKKAR fl-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha għall-finanzjament internazzjonali għall-klima, bħala parti mill-għan kollettiv tal-pajjiżi żviluppati biex b'mod konġunt jimmobilizzaw USD 100 biljun fis-sena sal-2020 imbagħad sal-2025 għall-finijiet ta' mitigazzjoni u adattament f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, minn varjetà wiesgħa ta' sorsi, strumenti u mezzi fil-kuntest ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni u trasparenza fir-rigward tal-implimentazzjoni; JENFASIZZA li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar fornitur tal-finanzjament pubbliku għall-klima, inkluż lill-fondi multilaterali għall-klima; JISĦAQ fuq il-ħtieġa għall-parteċipazzjoni futura ta' firxa usa' ta' kontributuri; ITENNI li l-finanzjament privat għall-klima ser jibqa' jaqdi rwol sinifikanti; JAGĦMEL RIFERIMENT għall-intenzjoni tiegħu li jadotta konklużjonijiet dwar il-finanzjament għall-klima;
14. JISĦAQ fuq l-importanza li l-Partijiet kollha jaħdmu biex jagħmlu l-flussi ta' finanzjament globali konsistenti mal-perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' GHG u żvilupp reżiljenti għall-klima; JIRRIKONOXXI l-kontribut tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea "Pjan ta' Azzjoni: Finanzjament tat-Tkabbir Sostenibbli" għal dan il-għan;
15. F'dan il-kuntest JAGĦRAF il-ħtiġijiet speċifiċi u ċ-ċirkostanzi speċjali ta' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp li huma Partijiet, speċjalment Stati Gżejjer Żgħar Li Qed Jiżviluppaw u Pajjiżi l-Anqas Żviluppati, li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima, u l-ħtieġa għal appoġġ f'waqt u mmirat biex dawn l-effetti jiġu evitati, minimizzati u indirizzati;

16. JIRRIKONOXXI l-importanzi ta' atturi mhux statali u l-kontribut tagħhom biex jinkisbu l-għanijiet fuq terminu twil tal-Ftehim ta' Pariġi, biex jikkomplementaw u jispiraw l-ambizzjoni tal-Partijiet, inkluż bir-rwol tagħhom fid-djalogu ta' Talanoa, u r-rwol ta' appoġġ b'saħħtu li qed ikollha l-Aġenda għal Azzjoni Klimatika Globali (GCCA) billi tlaqqa' flimkien partijiet ikkonċernati li huma Parti u dawk li mhumiex; f'dan ir-rigward, JILQA' l-avvenimenti bħall-laqgħa ta' segwitu għas-Summit Pjaneta Waħda u s-Summit Globali dwar l-Azzjoni Klimatika li saru f'Settembru 2018;

IT-TRIQ LEJN KATOWICE

17. JAGĦRAF il-progress li sar mill-Programm ta' Ħidma tal-Ftehim ta' Pariġi (PAWP); JISSOTTOLINJA li l-Partijiet kollettivament s'issa naqsu milli jagħmlu progress fuq kwistjonijiet kontroversjali u JĦEĠĠEĠ lill-Partijiet biex jagħmlu progress aktar rapidu fin-negożjati biex titlesta l-PAWP filwaqt li jirrispettaw l-ispirtu tal-Ftehim u l-bilanċ delikat tiegħu li nkiseb f'Pariġi; JISTENNA B'INTERESS li jaħdem produttivament mal-Partijiet kollha b'mod intersessjonali u fil-COP24; u JAPPOĠĠA lill-Presidenza ta' Fiġi tal-COP/CMP/CMA u l-Presidenza Pollakka li jmiss fit-tħejjijiet u fil-COP24 f'Katowice u bil-ħsieb tal-ikkompletar b'suċċess tal-PAWP, li ser jippermetti li l-Ftehim ta' Pariġi jiġi implimentat bis-sħiħ;
18. JENFASIZZA li l-kisba tal-għanijiet fuq terminu twil tal-Ftehim ta' Pariġi huwa impenn kondiviż tal-Partijiet kollha u li objettiv ewlieni tal-COP24 huwa t-twassil tar-regoli u l-linji gwida għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi b'mod dettaljat, komprensiv, robust u operazzjonali;
19. JISSOTTOLINJA li l-eżitu tal-PAWP li ser jiġi adottat fil-COP24 għandu jipprovdi sett komuni ta' regoli għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Ftehim b'mod bilanċjat u mfassal apposta, applikabbli għall-Partijiet kollha filwaqt li jindirizza l-punti ta' tluq differenti tal-Partijiet u l-kapaċitajiet li jevolvu;

20. JISĦAQ li l-trasparenza u r-responsabbiltà miksba permezz ta' dawn ir-regoli kemm fuq l-azzjoni kif ukoll fuq l-appoġġ ser ikunu essenzjali biex tinbena u tinżamm il-fiduċja fost il-Partijiet sabiex nimplimentaw l-impenji tagħna b'mod trasparenti, preċiż, komplet, komparabbli u konsistenti, filwaqt li tiġi ppreservata l-integrità ambjentali, inkluż billi jiġi evitat l-għadd doppju, u biex jiġi vvalutat jekk ninsabux, individwalment u kollettivament, fit-triq it-tajba biex nissodisfaw l-impenji tagħna tal-Ftehim ta' Pariġi; ITENNI l-importanza tat-tfassil ta' rendikont globali li jkun adatt għall-iskop bħala element ewlieni għal ċiklu ta' ambizzjoni usa' li jinfluwenza u jinċentiva l-proċessi biex l-azzjoni klimatika ambizzjuża tissaħħaħ b'mod progressiv, kemm f'livell kollettiv kif ukoll f'livell individwali, biex b'hekk ikun hemm transizzjoni mingħajr intoppi tal-Partijiet kollha għal miri fl-ekonomija kollha; IFAKKAR fl-importanza li jsir sforz favur skedi ta' żmien komuni għall-NDCs tal-Partijiet kollha;
21. JAFFERMA MILL-ĠDID li l-impenn tal-UE li tkompli tappoġġa pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, b'mod partikolari l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppanti u l-Istati Gżejjer Żgħir li Qed Jiżviluppaw, fl-isforzi tagħhom biex jimplimentaw il-Ftehim ta' Pariġi; JILQA' u JAPPOĠĠA l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva għat-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet għat-Trasparenza (CBIT) u inizjattivi oħra, bħas-Sħubija dwar l-NDC, biex jissaħħu l-kapaċitajiet nazzjonali, l-iżvilupp u t-trasferiment tat-teknoloġija; JISTENNA B'INTERESS l-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tal-Pjattaforma tal-Komunitajiet Lokali u tal-Popli Indiġeni fil-COP24;
22. JISSOTTOLINJA l-impenn qawwi tal-UE għall-proċess ta' Talanoa li jippermetti lill-Partijiet kollha jevalwaw l-isforzi kollettivi u l-progress tagħhom lejn l-għan fit-tul li jinsab fl-Artikolu 4.1 tal-Ftehim ta' Pariġi u jinfluwenzaw it-tnejn tal-NDCs li għandhom jiġu kkomunikati sal-2020 f'konformità mal-mandat tal-Ftehim ta' Pariġi; JILQA' l-ispirtu pożittiv u kostruttiv tal-konverżazzjonijiet matul il-fażi ta' tħejjija tad-Djalogu ta' Talanoa, b'mod partikolari matul id-diskussjonijiet li saru fis-sessjoni ta' Mejju 2018 tal-korpi sussidjarji f'Bonn; HUWA MĦEĠĠEĠ mid-diskussjonijiet fl-avveniment "L-UE għal Talanoa" (Brussell, 13 ta' Ġunju 2018) u avvenimenti oħrajn ta' "Talanoa" organizzati mill-Istati Membri u minn Partijiet oħra kif ukoll minn atturi mhux statali matul l-2018;

23. JENFASIZZA li d-Djalogu ta' Talanoa għandu jrawwem riflessjoni globali onesta tal-adeqwatezza tal-NDCs attwali u tal-kooperazzjoni internazzjonali għall-azzjoni klimatika, u jibqa' jkun ibbażat fuq l-aqwa xjenza disponibbli u informat mir-Rapport Speċjali reċenti tal-IPCC dwar l-impatti tat-tiżen globali ta' 1.5 °C; JISTENNA B'INTERESS spazju ddedikat biex jiġi ffaċilitat il-fehim tal-implikazzjonijiet ta' dan ir-Rapport; JENFASIZZA li l-eżitu tad-Djalogu ta' Talanoa f'Katowice għandu jkun impenn għall-Partijiet kollha biex jirriflettu fuq il-livelli ta' ambizzjoni tagħhom u għandu jnebbi it-tnejn tal-NDCs tal-Partijiet kollha skont l-Artikolu 4 tal-Ftehim ta' Pariġi; JISSOTTOLINJA li l-UE ser tkompli toħloq momentum pożittiv fost il-Partijiet kollha biex tissaħħa l-ambizzjoni klimatika globali; JISĦAQ li l-UE lesta, skont il-paragrafu 24 tad-Deċiżjoni 1/CP21, tikkomunika jew tagħgħorna l-NDC tagħha sal-2020, filwaqt li tqis l-isforzi kollettivi l-oħra meħtieġa u l-azzjonijiet meħuda mill-Partijiet kollha biex jilħqu l-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi;
24. JISTENNA B'INTERESS l-Avveniment ta' Livell Għoli kostruttiv mill-Promoturi tal-Azzjoni Klimatika Globali fil-COP24 kif ukoll id-djalogu ministerjali ta' livell għoli dwar il-finanzjament tal-klima u r-rendikont dwar l-implimentazzjoni qabel l-2020 u l-ambizzjoni li jintwera l-progress u biex jiġu identifikati opportunitajiet sabiex jispiraw u jinċentivaw l-isforzi mill-Partijiet kollha;

PROĊESSI OĦRA

25. JILQA' l-inizjattiva tas-Segretarju Ġenerali tan-NU li jospita Summit dwar il-Klima fl-2019 bil-ħsieb li tiġi intensifikata l-azzjoni klimatika fid-dawl tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li tibni fuq l-eżitu tad-Djalogu ta' Talanoa;

26. JILQA' l-adozzjoni mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) tal-Istrateġija Inizjali tagħha dwar it-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' GHG u l-oġġettiv maqbul tagħha ta' tnaqqis ta' mill-inqas 50% tal-emissjonijiet ta' GHG sal-2050 meta mqabbel mal-2008 u tal-eliminazzjoni gradwali tagħhom malajr kemm jista' jkun f'dan is-seklu, bħala kontribut tas-settur għall-għanijiet tat-temperatura ta' Pariġi; IĦEĠĠEĠ biex jintlaħaq qbil malajr fuq programm ta' ħidma ambizzjuż dwar l-implimentazzjoni ta' aktar miżuri fil-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar li jmiss f'Ottubru 2018;
27. IFAKKAR fil-ħtieġa li l-avjazzjoni internazzjonali tikkontribwixxi s-sehem ġust tagħha għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima; JAPPELLA lill-ICAO biex taqbel dwar għan fuq terminu twil fl-Assemblea tal-ICAO li jmiss fl-2019 li jkun konsistenti mal-għanijiet tat-temperatura tal-Ftehim ta' Pariġi; u JENFASIZZA l-ħtieġa li tiġi żgurata l-integrità ambjentali ta' CORSIA, inkluż billi jiġi evitat l-għadd doppju tat-tnaqqis tal-emissjonijiet; u JAPPELLA lill-ICAO biex jadotta rapidament l-elementi ta' implimentazzjoni essenzjali li fadal ta' CORSIA;
28. JILQA' l-isforzi li saru mill-Istati Membri kollha biex jiżguraw ikkompletar rapidu tal-proċeduri ta' ratifika nazzjonali tagħhom tal-Emenda ta' Kigali għall-Protokoll ta' Montreal.
-